

# il-hajja ta' kristu gesu'

**L-GHAXAR IMGIDDMA**

**LUQA 17 versi 11 -19**

Jum wiehed Gesu' u d-dixxipli tieghu hallew Kafarnaw u hadu t-triq li twassalhom lejn is-Samarija. Kienu sejrin Gerusalem u ghaddew minn villagg fis-Samarija u Gesu' xtaq jghaddi l-lejl hemm. Baghat xi uhud minnhom biex isibulhu post. ghalih u ghad-dixxipli tieghu biex jistrieh.

Imma billi s-samaritani kienu kontra l-lhud ma riedux li Gesu' u shabu jieqfu hemm. Is-samaritani u l-lhud kienu jharsu bl-ikrah lejn xulxin. Tnejn mid-dixxipli tieghu, Gakbu u huh Giovanni x'hin raw hekk qalu lil Gesu' biex jibghat nar mis-sema u jeqridhom.

U Gesu' qalilhom: "Dak li tixtiequ intom, hu hazin ghal ahhar ghaliex Bin il-Bniedem ma giex fid-dinja biex jeqred il-hajjiet izda biex isalvahom."

U telqu minn hemm u marru imkien iehor.



Hekk kif kienu mexjin gie ragel fuq Gesu’ u qallu li ried jimxi warajh. Izda Gesu’ wiegbu: “Il-volpi ghandhom l-gherien u l-ghasafar ghandhom il-bejtijiet taghhom imma Bin il-Bniedem ma ghandux fejn imidd rasu.” Ghaxart irgiel li kienu mgiddma raw lil Gesu’ u lid-dixxipli tieghu ghaddejin mhux wisq boghod minnhom. Kienu semghu kif Gesu’ kien ifejjaq kull marda u kif kien fejjaq ohrajn bhalhom u ma riedux ihallu din l-opportunita’ tahrabilhom. Mill-boghod bdew jghajjtu “Mghallem Gesu’, ikollok hniena minna.

Gesu’ waqaf u sejjah lill-imgiddma quddiemu u qalilhom: “ Morru, uru ruhkom lis-sacerdot kif ordnalkom Mose’. “ Huma ghamlu kif qalilhom u fit-triq fiequ.  Fit-triq fiequ u wiehed minhom meta ra li kien fieq rega’ lura ghand Gesu’. Inxthet gharkubtejh u qallu: “Grazzi, Mulej.”

Gesu’ qal lid-dixxipli tieghu: “Mhux ghaxra fejjaqt? Fejn huma d-disa’ l-ohra? Hadd ma kien hemm li jirritorna lura biex joffri l-hajr tieghu hlief dan is-Samaritan.?

“Qum,” qallu Gesu’, “ il-fidi tieghek fejqitek.”

RIFLESSJONI

Irrifletti li korrezzjoni qatt ma ghandha issir bi kliem ahrax izda biss bil-hlewwa.

Kemm hi sabieha l-kelma GRAZZI. Tghidha lill-bniedem bhalek talli qdiek kemm izjed ghandek tghidha bil-qalb lil Alla li hlief gid ma jaghtikx.

Kemm hi grazzja kbira li tqum filghodu qawwi u shieh wara lejl ta’ serhan kwiet.....u ma tghidx GRAZZI lil Alla?

Kemm hi grazzja kbira li ghex jum f’sahhtek .....u ma tghidx GRAZZI lil Alla?

Kemm hi barka kbira li toqghod fuq il-mejda, filghodu. F’nofs in-nhar u fighaxija  u ssib l-ikel quddiemek.....u ma tghidx GRAZZI lil Alla.

Kemm jiehdu hsiebek Alla fil-hajja tar-ruh u jzommok fil-hbiberija tieghu peremzz tal-grazzja qaddisa tieghu......u ma tghidx grazzi lil Alla?

O x’qalb ingrata ghandek jekk ma taghmilx hekk.